MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 39

1 ta' Lulju 2015

Minuti tas-seduta Nru. 39 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa l-1 ta' Lulju 2015 fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## Premju Segretarju Eżekuttiv 2015 (N/1/Vol II)

Fil-bidu tas-seduta, is-Sindku J. Buttigieg għarraf li waqt ċerimonja li saret fis-26 ta' Ġunju 2015 fil-Fortress Building, il-Belt Valletta, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsill Lokali l-Onor. Stefan Buontempo ippreżenta t-trofew tal-Premju Segretarju Eżekuttiv 2015 lis-Sur Carmel Debono. Kompla jgħid li n-nomina tiegħu kienet iffirmata minnu u l-predeċessuri tiegħu, is-Sinjuri Joseph Borg, Saviour Vella u l-Onor. Robert Cutajar. Il-premju ngħata għall-ewwel darba mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li dan huwa ta' unur personali, kif ukoll għal-lokalita` tal-Mellieħa.

Is-Segretarju rringrazzja lis-Sindku għan-nomina tiegħu kif ukoll lill-Ex-Sindki msemmija, li huwa personalment diġa esprima l-apprezzament tiegħu għal ġest tagħhom.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni għall-minuta 7.2. **(Ref: K/6/2/Vol V)** u talab li tiżdied oħra magħha li tinqara kif ġej:

*"7.3. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li l-kuntrattur għandu jindika d-dettalji tiegħu fuq l-iskips illi huwa jpoġġi taħt dan il-kuntratt, bil-għan li wieħed ikun jaf fejn għandu jirrikorri f'każ ta' bżonn. Kompla jgħid li l-iskips li hemm fi Triq ir-Ramla tal-Bir qrib ir-Ramla ta' Kejli, kif ukoll dik li hemm fi Triq l-Armier bejn Triq il-Marfa u t-Triq ta' Msid, għandhom ir-roti miksura u jeħtieġ jinbidlu ma' oħrajn ġodda.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emenda t'hawn fuq u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tifkira tal-memorja ta' Godfrey Wettinger (S/3/7/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-11 ta' Ġunju 2015 saret laqgħa mal-Kunsill Skolastiku. Għan-naħa tal-Kunsill Lokali attendew flimkien miegħu, il-Kunsillieri E. Bartolo, H. Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Għan-naħa tal-Kunsill Skolastiku attendew il-President C. Bartolo, il-Kap tal-Iskola M.R. Cordina, u l-membri S. Bugeja, N. Vella, J. Sammut, M Cutajar, A. Saliba u R. Vella.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li fil-laqgħa li saret fil-11 ta' Ġunju 2015, huwa kien esprima x-xewqa li s-sala tal-iskola tissemma "Sala tal-Komunita` Professur Godfrey Wettinger". Din il-proposta' sussegwentement ġiet diskussa mill-Kunsill Skolastiku illi kien tal-fehma li dan l-isem jista' jġib diżgwid ma' entitajiet oħra li jagħmlu użu minn din il-faċilita` u hekk tiġi affettwata l-awtonomija tal-Iskola fl-amministrazzjoni tagħha. Fl-istess laqgħa, in-naħa tal-Kunsill Lokali għamlitha ċara, li minkejja l-kontribut sostanzjali li ngħata biex saru attrezzi vitali fis-sala, la il-Kunsill attwali u lanqas dawk preċedenti qatt ma ndaħlu fit-tmexxija tagħha. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-inklużżjoni tal-kelma "Komunita`" tagħmel differenza fil-mod u manjiera kif il-Kunsill Lokali jkun jista' jinvesti f'dan il-post, li fil-fatt tużaħ il-komunita` tal-Mellieħa.

2.1.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li fid-dawl tad-diverġenzi li hemm bejn iż-żewġ kunsilli, għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol sabiex tittieħed deċiżjoni f'dak il-livell.

2.1.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-laqgħa li saret fil-11 ta' Ġunju 2015 tqanqlet ukoll il-kwistjoni dwar ir-rati applikabbli għall-użu tal-istess sala mill-għaqdiet mużikali tal-lokalita`. Għalkemm il-Kunsill Skolastiku ma kienx lest li jnaqqas ir-rati tal-*caretaker* u tat-tekniċi, deher li kien lest jikkonsidra l-użu tas-sala bis-servizz ta' tekniku wieħed u hekk l-ispejjeż jonqsu sostanzjalment. Il-Kunsill Skolastiku nsista li jinżammu l-ħinijiet li għalihom ikun sar il-*booking* sabiex min ikun ikarigat mis-sala jkun jaf eżatt kemm ser idum. In-naħa tal-Kunsill Lokali esprimiet li hija taqbel li jinżammu l-ħinijiet, peress li dan il-fattur ikun jinvolvi spiża li ma tkunx prevista, għalkemm ġie stabbilit massimu ta' €300.

2.1.6. Il-Kunsill innota u approva l-pożiżżjoni addottata mid-delegazzjoni tiegħu skont il-minuta 2.1.5. aktar 'il fuq.

### 2.2.1. *Bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ (K/6/2/Vol IV)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għall-pjanti li kellhom jitħejjew mill-*Contracts Manager.* Is-Sur C. Debono qal li dawn kienu tlestew, iżda kien jonqos li tiġi kkonfermata l-lista ta' postijiet fejn jista' isir tisjir fil-miftuħ u l-ikkampjar.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu kif ġej:

<u>Skeda ta' bajjiet fejn tisjir fil-miftuħ mhux permess</u>:

- Bajja tal-Għadira (ħlief fil-parti ċentrali fejn hemm il-blat); u
- Bajja tal-Imġiebaħ.

<u>Skeda ta' bnadi fejn l-ikkampjar u tisjir fil-miftuħ huwa permess</u>:

- L-Aħrax tar-Ramel;
- L-Aħrax tat-Tunnara; u
- L-Aħrax tal-Madonna.

2.2.4. Il-Kunsill qabel li dan it-tagħrif għandu jiġi mgħoddi lill-konsulent legali nkarigat sabiex ikun jista' jitressaq abbozz għad-diskussjoni.

### 2.3.1. Għoti ta' onoreficenzi fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa (A/5/3/1/Vol XVI)

2.3.2. Is-Segretarju ressaq l-iskedi segwenti:

a. Skeda ta' nomini għall-onoreficċenzi li saru bejn is-snin 2000 u l-2015;

b. Skeda ta' persuni u entitajiet onorati bejn is-snin 2000 u l-2014; u

c. Skeda ta' nominazzjonijiet li saru bejn l-2008 u l-2014 illi ġew imġedda, irtirati jew ma kienx hemm rispons dwarhom.

2.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-iskeda (ċ) ma saritx skont kif ġie stabbilit fil-kriterju 2.11. illi jgħid hekk:

> *"Kull minn ressaq xi nomina f'xi edizzjoni preċedenti għas-seba' snin ta' qabel għandu jiġi mistoqsi dwar jekk jixtieqx iġedded l-istess nomina jew le. Għaldaqstant, dawn il-persuni għandhom jiġu mitluba bil-kitba sabiex jindikaw l-intenzjoni tagħhom bil-għan li jiġi determinat jekk nomina tinżammx, jew taqa'."*

Huwa qal li l-intenzjoni tal-Kunsill meta approva dan il-kriterju kienet li jittieħdu dawk in-nomini li daħlu qabel l-2008.

2.3.4. In vista tal-interpretazzjoni mogħtija, il-Kunsill dehrlu li għall-edizzjoni 2015, għandhom jitħallew in-nominazzjoni kollha li saru skont l-iskeda (a) imsemmija aktar 'il fuq.

2.3.5. Il-Kunsill qabel ukoll li l-laqgħa tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni għandha ssir fis-7 ta' Lulju 2015 fis-7.00pm.

## 2.4.1. Servizz dwar iż-żamma tal-latrini pubbliċi (K/6/1/Vol V)

2.4.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.6.5. tas-seduta preċedenti u qal li bil-miżuri li ħa l-kuntrattur Absolute Cleaners Ltd, il-kwalita` tas-servizz inbidlet b'mod sinifikanti, tant li n-numru ta' ilmenti ġie fix-xejn, liema sitwazzjoni qed kontinwament tiġi segwita mis-Sur J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa aċċenna wkoll li l-kont ta' Mejju 2015 kellu ammont imnaqqas minħabba numru ta' *default notices* li nħarġu konsegwenza ta' servizz ħażin mogħti.

2.4.3. Fid-dawl tar-rieda tajba murija mill-kuntrattur, kien hemm qbil li fir-rigward ta' Mejju 2015 ir-rata tat-tnaqqis għandha tkun inqas minn dik ċertifikata mill-*Contracts Manager*, ossija 5 % fuq il-valur totali nett.

## 2.5.1. *Resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin (T/4/13/Vol XI)

2.5.2. Il-Kunsillier D. Vella aċċenna għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jittieħdu miżuri sabiex is-sewwieqa jżommu fil-limiti tal-veloċita` permessibbli. Huwa semma *speed cameras* bħala eżempju.

2.5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li *speed cameras* jiġu kkunsidrati biss f'toroq arterjali minħabba l-ispiża li jinvolvu biex jiġu nstallati. Aċċenna wkoll li matul din it-triq m'hemmx provvista tal-elettriku.

2.5.4. Is-Sindku J. Buttigieg qal li *road humps* ma jiġux approvati minn Transport Malta, peress li Triq Ramlet il-Qortin taqa' fir-rotta tal-karozzi tal-linja. Minkejja li forsi wieħed jista' jikkonsidra tabelli *SLOW* imdawwla bl-*LED*'s, iridu jkunu l-istess sewwieqa li juru sens ta' responsabilita` biex ma jikkawżawx inċidenti. Huwa qal li meta Triq l-Armier ingħatat it-tarmak ir-rejazzjoni tan-nies kienet l-istess.

## 2.6.1. Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u qal illi wara li sar ir-restawr tal-Għajn tal-Mellieħa għandu jsir ukoll it-tiswija tat-taraġ li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Marfa, kif ukoll jinbidel il-ġebel li tmermer fil-ħajt li jżomm l-istess taraġ.

2.6.3. Is-Segretarju fakkar li dan wieħed mis-suġġett li tqanqal waqt il-laqgħa li saret mal-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura l-Onor. J. Mizzi fis-7 ta' Mejju 2015, bil-għan li tinkiseb għajnuna mid-Dipartment tal-Infrastruttura u Servizzi sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jsir. Huwa qal l-istess materja ġiet sussegwentement trattata f'laqgħa li saret mad-Direttur Ġenerali tal-imsemmi dipartiment li saret fit-2 ta' Ġunju 2015. Is-Sur C. Debono

aċċenna wkoll għall-fatt li l-MEPA kienet tat il-permess tagħha biex isir ix-xogħol meħtieġ, peress li l-ħajt in kwistjoni ġie trattat bħala struttura perikoluża.

2.6.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.7.1. Xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (A/6/3/1/Vol 95)

2.7.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 20.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-iżviluppatur tas-sit fejn qabel kien hemm il-bini tal-Belleview, kien witta t-tarrapien fuq l-art ta' biswit biex ipatti għall-ispażju li ntilef temporanjament fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, bejn Triq il-Fortizza u Triq in-Nasses.

2.7.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.8.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

2.8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-attivita` imsemmija li żvolġiet fil-25 ta' Ġunju 2015 kienet suċċess u wieħed jista' jgħid li aktar illi qed jikkonkorru għaliha huma t-turisti. Huwa qal li dan kien riżultat tal-promozzjoni li saret permezz tal-*flyers* fil-lukandi li jinsabu fil-lokalita`. Minkejja li l-attivita` kienet tirrikjedi l-għeluq tat-toroq ewlenin, il-kordinazzjoni tat-traffiku li saret mill-Pulizija u l-Gwardjani Lokali kienet tajba ħafna. Is-Sur C. Bartolo għarraf ukoll li l-Jackson's Pipe Band ma ħadux parti minħabba raġunijiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li nkisbet għotja ta' €300 mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu b'riżq din l-inizjattiva.

2.8.3. Is-Sindku rringrazzja lis-Sur C. Bartolo għall-inpenn li wera fil-kordinazzjoni ta' din l-attivita` li ssarraf fis-suċċess miksub.

2.8.4. Is-Sur C. Bartolo ppropona li l-edizzjoni tal-2016, b'konsultazzjoni mal-għaqdiet mużikali, issir nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju, peress li huwa maħsub li attivita` fi tmiem-il ġimgħa tolqot aktar nies.

2.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposta skont il-minuta 2.8.4.

### 2.9.1. Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta ta' qabel u qal li fis-26 ta' Ġunju 2015 ingħatat konferenza stampa fil-Mistra miċ-Chairman tal-MEPA – il-Perit Vince Cassar – dwar għotjiet ta' flus li ser jingħataw lill-Fondazzjoni Wirt Artna u lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa b'riżq ir-restawr u konservazzjoni tal-Batterija tal-Mistra u l-Għajn tal-Mellieħa, rispettivament. Fil-każ tal-aħħar, il-Kunsill ser jibbenefika minn €33,887.80 mill-*Environment Initiatives in Partnership Fund* (*EIPP)*. Is-Sur J. Buttigieg qal li sfortunatament il-konferenza stampa tħabbret ftit qabel u għalhekk ma kienx possibbli li dan l-appuntament jintlaqa' mill-kunsillieri kollha.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 26/06/15
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/05/15 – 22/06/15
- Skeda ta' Pagamenti – 05/06/15 – 26/06/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Jannar – Marzu 2015
- Ftehim dwar iż-żamma u manutenzjoni tal-Berġa

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Introduzzjoni ta' *one-way* fi Triq in-Naħħalija u fit-triq ta' Ħal Ferħ (T/3/2/Vol XI)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 18 ta' Ġunju 2015, fejn Transport Malta qed jirrakkomandaw li t-traffiku jidħol għaż-żona tar-Ramla tal-Mixquqa, mit-triq ta' Ħal Ferħ

u joħroġ minn Triq in-Naħħalija. Dan bil-għan li tonqos il-konġestjoni, filwaqt li Triq in-Naħħalija tkun tista' tieħu aktar ipparkjar ta' vetturi.

4.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ma jaqbilx mal-proposta għaliex tmur kontra n-norma li t-traffiku f'sistema ta' *one-ways* għandu jimxi f'direzzjoni *anti-clockwise*. Is-sistema li qed tiġi proposta minn Transport Malta tinvolvi wkoll l-interċettazzjoni ta' traffiku fi Triq Għajn Tuffieħa kantuniera mat-triq ta' Ħal Ferħ, li ċerti ħinijiet ikun għaddej b'volum qawwi u għalhekk tista' tagħti lok għal konġestjoni.

4.1.4. Is-Segretarju kkummenta li, kemm-il darba jkun hemm *clockwise flow*, ikollhom jiġu spusstjati l-*bus shelter/*bay f'Għajn Tuffieħa. Is-Sur C. Debono qal li l-ħsieb wara din l-proposta huwa l-ħolqien ta' spazju għal parkeġġ fi Triq in-Naħħalija.

4.1.5. Fid-dawl tal-punti mqajma, il-Kunsill kien tal-fehma li l-arranġament eżistenti għandu jibqa' fis-seħħ.

### 4.2.1. Inizjattiva *"To Move the Nation Towards a More Healthy Lifestyle"* (S/4/2/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Ġunju 2015, mibgħut mill-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika, fejn il-Kunsill ġie mistieden jaħtar rappreżentant ħalli jkun jista' jattendi it-tnedija tal-proġett imsemmi bil-għan li kullħadd jiġi mħajjar jagħmel il-mixi bħala drawwa ta' kuljum.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem f'din l-inizjattiva u għalhekk ħatar lill-Kunsillier H. Fenech sabiex jirrappreżentah waqt laqgħat li jsiru fuq is-suġġett.

### 4.3.1. Proġett Ġarnija (A/4/5/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Ġunju 2015, mibgħut mill-Birdlife Malta, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex jitwaħħlu mill-ġdid tabelli li kien hemm fil-Ponta tal-Aħrax dwar il-Proġett Ġarnija, liema tabelli ġew vandalizzati.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi stabbilit l-*artwork* tat-tabelli bil-għan li tkun tista' tintalab stima dwarhom.

### 4.4.1. Mellieħa *Challenge Cup League* (S/6/Vol VI)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 29 ta' Ġunju 2015, mibgħut mill-Mellieħa Sports Club, fejn appellaw lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-attivita` imsemmija li ser issir fil-Ground Ta' Pennellu matul Awwissu 2015 li tinvolvi sitt timijiet, inkluż wieħed mill-Mellieħa.

4.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li s-sehem tiegħu m'għandux jaqbeż l-ispiża ta' €200. Il-Kunsill talab li jkollu programm tal-*fixtures* u tintbagħat stedina uffiċjali lis-Sindku għall-partita finali.

### 4.5.1. Logħob tat-tfal tradizzjonali vs logħob modern (A/6/3/2 Vol 53)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Ġunju 2015 mibgħut minn Ms Patsy Chetcuti, fejn intalab il-permess tal-Kunsill sabiex tittella' wirja ta' logħob tat-tfal tradizzjonali li kienu jilgħab fl-imgħoddi mit-tfal fit-toroq imqabbel mal-logħob modern. L-attivita` tinkludi wkoll *workshop* fejn il-pubbliku preżenti jkollu l-opportunita` jieħu sehem. L-attivita` ġiet proposta f'waħda mill-ġranet fil-perjodu bejn l-24 u 30 ta' Awwissu 2015, u bħala post ġie ndikat

4.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm id-data magħżula ma tkunx taħbat ma' xi attivita` oħra marbuta mal-Festa tal-Vitorja, li sseħħ f'Misraħ il-Parroċċa. Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II ġie propost mill-Kunsill bħala alternattiva għall-Misraħ il-Parroċċa.

### 4.6.1. Kawża dwar Triq Toni Pace (T/4/13/Vol XII)

4.6.2. Is-Segretarju għarraf li s-smiegħ ta' din il-kawża tkompla fis-17 ta' Ġunju 2015 quddiem l-Imħallef l-Onor. Silvio Meli, li ġie nfurmat mill-Perit Legali u l-Perit Tekniku li r-relazzjoni tagħhom dwar il-każ kienet lesta u kopja tagħha ġiet mgħoddija lill-konvenuti (Kunsill Lokali tal-Mellieħa). Għaldaqstant kienu qed jissottomettuha sabiex tidħol mal-atti tal-kawża. L-avukat tal-Kunsill għarraf li ser ikunu qed iressqu ċessjoni biex jirribattu diversi punti li tqanqlu fl-imsemmija relazzjoni. Is-Sur C. Debono qal li l-kawża ġiet differita għall-21 ta' Ottubru 2015.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Parteċipazzjoni fl-Agia Napa Festival (K/1/5/4)

4.7.2. Is-Sindku għarraf li saret stedina mis-Sindku ta' Agia Napa – Yiannis Karousos – sabiex delegazzjoni mill-Kunsill, flimkien ma' artisti u artiġġjani mill-Mellieħa jieħdu sehem fl-Agia Napa Festival bejn l-24 u t-27 ta' Settembru 2015.

4.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jipparteċipa fl-Agia Napa Festival b'massimu ta' tliet artisti/artiġġjani, flimkien ma' tliet kunsillieri. Kien hemm qbil ukoll li €100 mill-ispejjeż tat-titjiriet jridu jkopruhom l-artisti/artiġġjani, filwaqt li minn jakkumpanjahom irid ikopri l-prezz sħiħ. L-akkomodazzjoni u l-ikel ser jipprovdihom il-Kunsill Lokali ta' Agia Napa.

4.7.4. Kien hemm qbil ukoll li d-delegazzjoni tkun magħmula mill-Kunsillieri J. Attard, P. Cutajar u H. Fenech. F'dan il-każ, l-ispejjeż tat-titjiriet jitħallsu mill-Kunsill.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' Ġunju 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn l-1 ta' Mejju u t-22 ta' Ġunju 2014.

6.3. Tressqet ukoll skeda tal-pagamenti li tkopri bejn il-5 u s-26 ta' Ġunju 2015.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li din għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

### 7.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin. (A/5/3/1/Vol XIV) (A/5/3/5/Vol V)

7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq l-abbozz tal-*logo* tal-Iljieli Melleħin 2015 flimkien mal-programm li jkopri ż-żewġ avvenimenti msemmija li ser jikkonsistu mill-*items* fl-attivitajiet segwenti:

**Il-Ħamis – 30 ta' Lulju – Bitħa tas-Santwarju**

Serata ta' Jum il-Kunsill taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċ. Tagħha Marie Louise Coliero. L-attivita` tibda fit-8.00pm u m'għandiex tieħu iktar minn siegħa u kwart. Fl-istess attivita` jiġi ppreżentat rigal lil President.

**Il-Ġimgħa – 31 ta' Lulju**

Misraħ il-Parroċċa

*Warming up party* li jittratta mużika tas-snin tmenin u disgħin, segwit minn kunċert mill-*big band* ta' Mro. Paul Abela bil-parteċipazzjoni ta' kantanti Georgina Abela u Olivia Lewis. Għeluq minn DJ Max u DJ Pierre Cordina.

Toroq Ewlenin

*Soapbox Competition Northern Heat* imtella' minn "Paqpaqli għall-Istrina".

**Is-Sibt – l-1 ta' Awwissu**

Diversi kunċerti u żfin minn artisti lokali f'Misraħ il-Parroċċa u fit-toroq ewlenin.

Toroq Ewlenin

Sfilata karnivaleska bis-sehem ta' Look Stars Dancers, Mystic Dancer, Cutie Cute, Karen Valentine School u Wild Strength Dancers. Varjeta` fuq żewġ palki differenti li tvarja minn mużika folkloristika għal dik kontemporanja bis-sehem ta' kantanti lokali u barranin.

Misraħ il-Parroċċa

*Gala Barbecue* mtella' mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina akkumpanjat minn kant mill-Korr tat-Tfal tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, flimkien ma' spettaklu minn Maddee Dargue flimkien mal-Artemocion Dance & Leisure Studio.

Preparazzjoni ta' *apple strudel* twila 400 pied ikkordinata mix-Chef Andrew Farrugia bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial, illi d-dħul mill-bejgħ tagħha jmur għall-Community Chest Fund.

Bitħa tas-Santwarju

*Musica da camera* bis-sehem ta' korrijiet u mużiċisti lokali li jinkludi kant mill-Korr Vuċijiet Vittorjani tas-Societa` Filarmonica La Vittoria.

Attrazzjonijiet Oħra

Għażla ta' ikel lokali; *stands* tal-artiġġjanat; wirjiet tal-arti; rokna għat-tfal; teatru tat-triq; wirja ta' vetturi, wirja tal-falkuni minn Fridericus Rex Malta Falconers; drifting u *hillclimb* fi Triq il-Marfa u Triq l-Erwieħ; żjarat bil-gwida fix-Xelters tal-Gwerra; ftuħ tas-Santwarju aktar mill-ħinijiet normali; attivitajiet sportivi; u wirjiet pirotekniċi mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina.

**Il-Ħadd – it-2 ta' Awwissu**

Misraħ il-Parroċċa u fit-Toroq Ewlenin

Diversi kunċerti u żfin minn artisti lokali f'Misraħ il-Parroċċa u fit-toroq ewlenin.

Toroq Ewlenin

Varjeta` ta' mużika u żfin minn folk għal kontemporanja bis-sehem ta' Adonelle Dance Studio u Ta' Verna Folk Band fost oħrajn.

Misraħ il-Parroċċa

Wirja ta' *offroading* bl-ostakoli, segwita b'kunċert ta' mużika u kant minn artisti lokali u l-band JAMM.

Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

Kunċert ta' *mużica da camera* bis-sehem ta' korrijiet lokali.

Attrazzjonijiet Oħra

Għażla ta' ikel lokali; *stands* tal-artiġġjanat; wirjiet tal-arti; rokna għat-tfal; teatru tat-triq; wirja ta' vetturi; logħob varjat bis-sehem ta' karattri popolari; drifting u *hillclimb* fi Triq il-Marfa u Triq l-Erwieħ; żjarat bil-gwida fix-Xelters tal-Gwerra; ftuħ tas-Santwarju aktar mill-ħinijiet normali; attivitajiet sportivi; u wirjiet pirotekniċi mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina.

7.3. Il-Viċi Sindku għarraf ukoll li jista' ikun hemm is-sehem ta' mużiċisti u artisti minn Aquaviva delle Fonti, li l-ispejjeż tal-ivjaġġar ser ikunu a karigu tagħhom, filwaqt li kif isir is-soltu, l-akkomodazzjoni jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill.

7.4. Dwar is-serata ta' Jum il-Kunsill kien hemm qbil li l-President għandha tiġi ppreżentata pittura b'xena fil-Mellieħa, li l-valur tagħha m'għandux jaqbeż €500. Kien hemm qbil li m'għandux ikun hemm bibita` wara li tintemm is-serata.

7.5. Il-Kunsill approva l-kontenut tal-programm bil-kundizzjoni li ssir evalwazzjoni tal-ispiża nvoluta li m'għandhiex taqbeż is-somma vvutata fl-Estimi 2015.

## 8.1. Kuntratt ġdid dwar iż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

8.2. Is-Segretarju fakkar li kopja tal-kuntratt illi wasal biex jiskadi kien ġie mgħoddi lill-Kunsillieri qabel is-seduta.

8.3. Is-Sindku qal li wara esperjenza ta' dan il-kuntratt, ħareġ biċ-ċar li għandu jkun hemm distinzjoni bejn is-servizz li jingħata bejn Ġunju u Ottubru u dak meħtieġ minn Novembru sa Mejju. Fattur ieħor li ħareġ minn din l-esperjenza kien il-fatt li l-kuntratt ma jistax

jitħaddem b'*attendant* wieħed, għallinqas fil-perjodu bejn Ġunju u Ottubru. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-ħinijiet jiġu mtawwlha fix-xhur tas-Sajf u jitqassru fix-Xitwa biex ma jkunx hemm ħela ta' riżorsi. Skeda sħiħa tal-ħinijiet riveduta titressaq fis-seduta li jmiss.

8.4. Is-Segretarju aċċenna wkoll għall-ħtieġa li l-*attendant/s* għandhom jibqgħu fil-lokalita` tul il-perjodu li l-latrini jkunu miftuħin. Is-Sur C. Debono qal li l-kuntratt attwali ma jipprovdix għal dan u ħafna drabi l-*attendants* kien ikun diffiċli li jittrattaw l-esiġenzi li jinqalgħu.

8.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuti 8.3. u 8.4., filwaqt li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett titkompla fis-seduta li jmiss.

## 9.1. Ftehim dwar il-Berġa (M/8/Vol V)

9.2. Is-Segretarju rrefera għal kuntatti li għaddejjin bejn id-Dipartiment tal-Kura Primarja dwar iż-żamma u l-manutenzjoni tal-berġa li tinsab f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa aċċenna għall-abbozz tal-ftehim lil ġie mgħoddi lill-kunsillieri qabel is-seduta u qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġie mgħarraf bl-istess kuntatti skont kif provdut fil-Memo 13/2015.

9.3. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li l-abbozz jistipula illi l-ħlas għall-konsum tal-elettriku u l-ilma, flimkien mal-kirja tal-post jibdew isiru mill-Kunsill. Huwa qal li dawn s'issa għadhom mhux magħrufa.

9.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li ma jarax kif bit-tip ta' involviment indikat fl-abbozz tal-ftehim, ser ikun hemm titjib fis-servizz offrut lir-residenti. Dan meta jitqies li l-Kunsill qed jintalab jagħmel tajjeb għall-konsum u għal kera, filwaqt li ser jieħu kumpens ta' darba għal titjib meħtieġ fil-klinika. Huwa staqsa wkoll dwar min irid jagħmel tajjeb għall-ispejjeż, kemm-il darba l-Kunsill jitlob li tiżdied l-attendenza minn persuni mediċi.

9.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinġieb aktar tagħrif dwar din il-materja qabel tittieħed deċiżjoni finali.

## 10.1. Rendikont finanzjarju – Jannar – Marzu 2015 (K/6/2/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul bejn Jannar u Marzu 2015 kien aktar mill-estimi b'€52,426. Dan kien ikkaratterizzat bl-ammonti marbuta mal-Premju Appoġġ lill-Intrapriża, mal-għotja taħt il-Miżura 125 tal-*EARDF* u s-somma mogħtija taħt il-Fond għat-Titjib Urban (*UIF).* Il-Kunsill għadda wkoll ir-*reversal* tal-*Opening Accrued Income,* kif inhi l-prassi fil-bidu tas-sena. Fil-każ tal-infieq, dan kien inqas mill-estimi fl-aħħar kwart tas-sena b'€190,637. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq kif ukoll il-fondi diġa kommessi, kien hemm bilanċ ta' €166,736. Is-Sur C. Debono qal li dan jikkuntrasta mat-tendenza li kien hemm fit-tliet xhur preċedenti.

10.2. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ir-rendikont finanzjarju, il-Kunsill iddeċieda li r-rendikont għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika..

## 11.1. Ftuħ tal-librerija pubblika fis-Sajf (L/4/Vol III)

11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal kuntatti li għaddejjin bejn il-kordinaturi ta' Skolasajf u Malta Libraries tal-librerija tal-Mellieħa billi tinfetaħ bejn il-15 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru, bil-għan li t-tfal li jattendu jiġu mħajjra jaqraw. Għaldaqstant ġie deċiż li kull nhar ta' Erbgħa l-ħinijiet tal-ftuħ ikunu bejn it-8.30am - 12.30pm u bejn il-5.00pm - 7.00pm . Nhar ta' Ġimgħa jkunu bejn it-8.30am u n-12.30pm. Hija spjegat li s-sitt siegħat addizzjonali ser jagħmlu tajjeb għalihom Malta Libraries.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Sejħa għall-offerti dwar il-Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq (E/1/2/Vol VI)

12.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 9.1. fil-minuti tas-Seduta Nru. 37 tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-kummenti li għamlu l-udituri rigward l-iskadenza tal-kuntratt imsemmi. Is-Sur E. Bartolo għarraf li dan is-suġġett tqanqal waqt id-diskussjoni fil-Kumitat Reġjonali Tramuntana u ġie deċiż li ssir laqgħa mal-konsulent fis-Segretarjat

Parlamentari responsabbli mill-Kunsill Lokali – is-Sur Michael Cohen. Il-laqgħa kellha ssir fil-25 ta' Ġunju 2015 u l-eżitu` tagħha ser jiġi komunikat fis-seduta tal-Kumitat Reġjonali li jmiss fil-15 ta' Lulju 2015.

12.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 13.1. Ħlasijiet pendenti dovuti lill-Kunsill mill-Kumitat Reġjonali (W/3/Vol XI)

13.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li l-Kumitat Reġjonali Tramuntana approva l-ħlas tal-ispejjeż amministrattivi relatati maċ-ċitazzjonijiet mħallsa fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2012<br>(April, Mejju, Awwissu, Settembru, Ottubru u Novembru), | €1,392.87 |
| 2013<br>(Jannar sa Diċembru) | €2,287.54 |
| 2014<br>(Jannar sa Awwissu u Diċembru). | €1,680.71 |
| Total | €5,361.12 |

13.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fir-rigward tax-xhur li mhux indikati fl-iskeda t'hawn fuq, jidher li l-Kumitat Reġjonali ma kellux id-dokumentazzjoni kollha biex jasal għas-somom dovuti.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Bust ta' Dun Manwel Grima (P/4/16/Vol III)

14.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-Kappillan tal-Manikata Dun Reginald Magri dwar ix-xewqa ta' xi residenti li esprimew sabiex jitwaqqaf bust ta' Dun Manwel Grima li kien l-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa u li fi żmienu sar il-bini tal-knisja l-ġdida. Huwa jixtieq jikkonsulta lill-Kunsill dwar din il-materja,

14.3. Il-Kunsill li delegazzjoni magħmula mis-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi-Sindku C. Bartolo, il-Kunsillier H. Fenech u s-Segretarju C. Debono, għandhom jiltaqgħu ma' Dun R. Magri.

## 15.1. Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

15.2. Is-Sindku għarraf li ġie kkuntattjat mill-Kordinatriċi tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ E. Theuma li ħeġġet sabiex jerġa' jitwaqqaf mill-ġdid il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fil-Mellieħa.

15.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li normalment il-K.N.Ż. javviċinaw lill-istudenti li jattendu fl-iskejjel sekondarji u post-sekondarji sabiex iħeġġuhom jipparteċipaw. Hu ppropona li din l-intenzjoni għandha tiġi mħabbra fil-magazin tal-Kunsill "Mill-Qiegħa".

15.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 16.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li din l-inizjattiva ser terġa' tibda nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2015 f'Misraħ il-Parroċċa. Hija kompliet tgħid li għaddejjin kuntatti sabiex jitħajru aktar artisti, mużiċisti u artiġġjani jieħdu sehem.

16.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 17.1. Pubblikazzjoni ta' antoloġija ta' Marija Grima (P/3/5)

17.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 24 tal-24 ta' Awwissu 2014, meta l-Kunsill kien qabel li jgħin fil-pubblikazzjoni tal-antoloġija msemmija, li ġġib l-isem "Teżori Eterni". Hija qalet li dan il-ktieb kien ġie ppubblikat u

kopja tiegħu ngħatat mill-awtriċi sabiex jinżamm fil-librerija tal-Kunsill. Is-Sinjorina Grima talbitha twassal apprezzament tagħha għas-sehem mogħti mill-Kunsill.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Ilma ġieri fil-Wied ta' Għajn Żejtuna (S/2/1)**

18.2. Il-Kunsillieri J. Gauci ġibed l-attenzjoni li l-ilma ġieri illi ġej fil-Wied ta' Għajn Żejtuna qed imur il-baħar. Huwa qal li jkun għaqli jekk jinstab mezz kif dan jiġi ppumpjat aktar 'il fuq fejn ġie rijabilitat l-istess wied mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate.

18.3. Il-Kunsill innota s-suġġeriment.

**19.1. Ġbir tal-iskart reċiklabbli (K/6/11)**

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo lmenta li l-ġbir tal-iskart imsemmi qed jieħu parti sostanzjali mill-ġurnata u għalhekk il-boroż il-ġriżi qed idumu barra f'ċerti postijiet.

19.3. Is-Segretarju qal li dan it-tip ta' skart jinġabar minn scammel wieħed, differenti mis-servizz tal-iskart imħallat, li jsir permezz ta' tliet vetturi jaħdmu fl-istess ħin. Huwa qal li kemm-il darba ssir pressjoni fuq Green MT Ltd biex is-servizz isir b'iktar vetturi, jogħlewlhom l-ispejjeż, tant li ma jifdewx. Huwa fakkar ukoll li fattur ieħor li jgħolli l-ispejjeż huwa l-ħtieġa li l-iskart riċiklabbli jinħatt fl-impjant ta' Sant' Antnin f'Marsascala, fejn it-triq mill-Mellieħa hija tliet darbiet iktar minn dik sal-Magħtab.

19.4. Is-Sindku qal li bl-iskema li kienet ġiet offruta mill-GreenPak Co-Op ftit xhur qabel, kienet tinħadem minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill naturalment jitħallas bi *flat rate*, filwaqt li l-iskema kienet tgħaddi ħlas skont it-tunellaġġ li jinġabar. Is-Sur J. Buttigieg qal li din kienet riskjuża għaliex kienet tfisser li l-Kunsill kien ikollu joħroġ il-flus minn ġewwa.

19.5. Minkejja r-raġunijiet li nġiebu fil-minuti 19.3. u u 19.4. aktar 'il fuq, il-Kunsill iddeċieda li dan id-dewmien għandu jinġieb għall-attenzjoni ta' Green MT Ltd bil-possibilta' li jiġu identifikati mezzi kif dan jista' jitnaqqas.

**20.1. Laqgħa għall-komunita` kummerċjali (K/10)**

20.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li ssejħet laqgħa għall-komunita` kummerċjali kollha tal-Mellieħa għad-9 ta' Lulju 2015, fil-Video Room tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa, fis-7.30pm. L-iskop tagħha huwa li l-operaturi tan-neġożji jingħataw dettalji dwar l-edizzjoni tal-Iljieli Melleħin 2015 li ser tkun bejn il-31 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu.

20.3. L-għan l-ieħor tal-laqgħa huwa li jitkompla x-xogħol li kien inbeda fir-rigward tal-Mellieħa *Business Forum*, fejn ser jiġi spjegat kif dan ser jitħaddem. Is-Sur C. Bartolo talab li dan is-suġġett jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss bil-għan li jiġi diskuss l-eżitu` tal-imsemmija laqgħa.

**21.1. Laqgħa dwar finanzjament ta' proġetti permezz ta' fondi Ewropew (P/10/1/Vol IV)**

21.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf lill-Kunsill illi fl-24 ta' Ġunju 2015 huwa flimkien mal-Viċi Sindku C. Bartolo attendew laqgħa nformattiva dwar is-suġġett t'hawn fuq.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.15pm u ġiet-aġġornata għal nhar l-Erbgħa l-22 ta' Lulju 2015 fis-7.15pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**